# Mro. Dottor Paolo Nani u l-Festa tal-1879

**Neil Zammit**

Il-festa f'ġieh Sant'Andrija Appostlu minn dejjem kienet waħda popolari. Tant hu hekk, illi mhux darba jew tnejn insibu referenza diretta lejn il-festa ta' Ħal Luqa f'diversi ġurnali ppubblikati sa mis-seklu dsatax. Bla dubju ta' xejn, il-festa ta' dak iż-żmien kienet differenti ferm minn kif nafuha llum. Dik il-ħabta, f'Ħal Luqa ma kienx hemm attività soċjali kbira, u fl-assenza tal-każini tal-banda, il-fratellanzi tal-parroċċa kienu jservu sabiex il-poplu jibqa' attiv matul is-sena kollha, b'mod speċjali fil-jiem festivi.



*L-istatwa titulari ta' Sant'Andrija fl-1879*

Is-solennità kbira li biha kienu jiġu ċċelebrati l-funzjonijiet kollha tat-tridu, lejlet u nhar il-festa ta' Sant'Andrija kienet xi ħaġa li ta' min jirrimarka dwarha. Dan nafuh mill-manuskritti u dokumenti oħra tal-fratellanzi li saħansitra jeħduna lura sas-seklu tmintax. Il-knisja kienet tkun armata bl-aqwa armar, u l-poplu kollu kien jinġabar bi ħġaru sabiex jassisti għall-funzjonijiet reliġjużi. Mhux l-ewwel darba li għall-festa kien ikun mistieden xi isqof sabiex ikompli jkabbar is-solennità tal-festa, waqt li ta' kull sena kien isir paniġierku mill-aktar mirqum dwar il-qaddis patrun minn predikatur imfittex. Ma setax jonqos ukoll is-sehem tal-orkestra li kienet issebbaħ il-funzjonijiet reliġjużi b'mużika sagra mill-aqwa.

Forsi ftit jafu illi qabel ma l-familja ta' Mro Vincenzo Camilleri (li minnha ħarġu il-Banda *L'Unione* u l-*Cappella Camilleri*) saret midħla sewwa ta' Ħal Luqa, il-mużika kollha li kienet tindaqq ġewwa l-knisja parrokkjali fil-jiem tal-festa titulari kienet dik tal-*Cappella Nani* mmexxija mill-magħruf Mro. Dottor Paolo Nani. Aktar tard, ibnu Anton ħa f'idejh it-tmexxija tal-*Cappella Nani* u għamel numru ta' snin jidderieġi l-mużika ta' lejlet u nhar il-festa, sakemm imbagħad Mro Ferdinando Camilleri stabbilixxa l-*Cappella Camilleri* u din ħadet post dik ta' Nani fil-jiem tal-festa ta' Sant'Andrija.

Intant, il-festa tal-1879, propju 130 sena ilu, kienet waħda speċjali għall-poplu ta' Ħal Luqa. F'dik is-sena kienet indaqqet għall-ewwel darba antifona ġdida miktuba mill-magħruf Dottor Paolo Nani, *Maestro di Cappella* tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa.

Iżda qabel ma nagħtu deskrizzjoni ta' x'seħħ fil-festa ta' dik is-sena, tajjeb li nagħtu ħarsa ħafifa lejn il-karriera mużikali ta' dan il-ġenju surmast li ħallielna minjiera ta' kompożizzjonijiet mill-aqwa.

## Mro. Dottor Paolo Nani (1814 – 1904)


*Mro. Dottor Paolo Nani (1814 – 1904)*

Paolo Nani twieled il-Belt Valletta nhar it-18 ta' Novembru tal-1814. Sa minn ċkunitu huwa ġie mħajjar sabiex bħal missieru, jieħu l-linja ta' avukat billi jistudja l-liġi. Fil-fatt, Paolo Nani ħa l-lawrija ta' duttur tal-liġi ċivili mill-Univesità ta' Malta fl-1832. Iżda dan ma naqqasx il-passjoni li Dottor Paolo Nani kellu lejn il-mużika. Fil-fatt huwa beda jistudja wkoll il-mużika taħt Giuseppe Burlon u Emmanuele Muscat. F'Lulju tal-1833 Paolo Nani telaq lejn Napli sabiex hemmhekk jissokta bl-istudji mużikali tiegħu. Fil-Konservatorju ta' *San Pietro a Majella*, Nani studja taħt numru ta' kompożituri magħrufa fosthom Antonio Zingarelli, Gaetano Donizetti, Giovanni Furno u Francesco Ruggi.

Lura Malta fl-1838, huwa waqqaf il-*Cappella Nani* u minnufih beda jagħti s-sehem tiegħu fil-qasam tal-mużika sagra. L-ewwel festi li fihom ħadet sehem il-*Cappella Nani* kienu dik tal-Madonna tal-Karmnu fil-Bażilika tal-Karmnu (Valletta), u ta' San Pawl Nawfragu fil-Kolleġġjata ta' San Pawl (Valletta). Dottor Paolo Nani beda jikkomponi diversi xogħlijiet li saħħru bi ġmielhom lill-poplu kollhu li kien jattendi bi ħġaru għall-funzjonijiet reliġjużi. Ikkompna wkoll numru ta' xogħlijiet profani fosthom l-opra *La Mezza Notte* (1844), iżda din ma kisbitlux suċċess daqs il-mużika sagra li hu stess kiteb għall-knejjes Maltin. Saħansitra, kien ukoll jikteb sinfoniji profani sabiex jiġu esegwiti fil-knejjes qabel il-funzjonijiet reliġjużi, iżda din id-drawwa inqatgħet fil-bidu tas-seklu għoxrin. Il-mużika sagra li kkompona Dottor Paolo Nani kienet ferm differenti minn dik li kienu jiktbu dawk ta' qablu. Huwa kien jinqeda ħafna bl-istil operistiku, u dan wassal sabiex il-*Cappella Bugeja* titlef ħafna mis-servizzi liturġiċi tagħha.

Bejn l-1841 u l-1887, Dottor Paolo Nani kien direttur, l-ewwel fit-Teatru Manoel u aktar tard fit-Teatru Rjal. Fl-1878 huwa rċieva diploma u midalja tad-deheb mir-*Reale Associazione Dei Benemerenti Italiani* ta' Palermo. Sena wara, fl-1879, Dottor Paolo Nani nħatar bħala membru onorarju tal-*Accademia Filarmonica Di Bologna.*


*Antifona per S. Andrea, Dottor Paolo Nani (1879)*

Tul il-karriera mużikali tiegħu, Dottor Paolo Nani kiteb 'l fuq minn 250 xogħol, bil-maġġoranza kbira tagħhom ikunu xogħlijiet sagri. Huwa

għadu sa llum imfakkar l-aktar għall-antifoni tal-festi fosthom *Sancte Paule* (1840), *Flos Carmeli* (1861), *Ego Sum* (1875), *Beata Mater* (1881), u *Beati Juliani* (1893).

## Il-festa ta' Sant'Andrija fl-1879

Kien propju f'dan il-perjodu brillanti tal-karriera mużikali tiegħu, meta fl-1879 insteġħmet għall-ewwel darba l-antifona l-ġdida magħrufa bħala *Cum Pervenisset* ta' Dottor Paolo Nani għall-festa titulari ta' Sant'Andrija Appostlu f'Ħal Luqa. M'għandniex informazzjoni dettaljata dwar il-mużika kollha li kienet tindaqq mill-*Cappella Nani* fil-jiem tal-festa ta' Sant'Andrija, iżda l-fatt illi Dottor Paolo Nani kiteb antifona speċifika għal Sant'Andrija jindika b'mod ċar illi l-festa f'Ħal Luqa kienet waħda mportanti u mfittxija ħafna mill-poplu ta' dak iż-żmien. Għal dan il-għan, il-*Cappella Nani* kienet tagħmel l-għalmu tagħha sabiex issebbaħ il-funzjonijiet reliġjużi ġewwa l-knisja parrokkjali.


Sulla festa di Casal Luca ci scrivono quanto segue:
"Lunedì, 1mo. corrente, si celebrò, in questo casale, con religiosa pompa, una splendida festività, in onore dell'Apostolo Sant'Andrea, titolare dell' istesso casale.
Fu tale festività preceduta da un divoto triduo, che ebbe luogo, nelle ore serotine, e nel quale vennero, in idioma maltese, abilmente recitati, analoghi discorsi.
La vigilia di detta festività, alla sera, ebbero luogo una vaga illuminazione, due bellissimi giuochi artificiali, preparati da alcuni dilettanti del medesimo casale, e due bande musicali, l'una delle quali, anche nel dì festivo suonava, in un luogo a ciò destinato, scelti pezzi musicali.
Le sacre funzioni furono accompagnate da una soave ed armoniosa musica, diretta dagli egregi Dr. P. Nani, e figlio, il primo de' quali compose una nuova Antifona, che venne molto applaudita da persone competenti nell' arte musicale.
Fra la solennità della gran messa, un' eloquente orazione panegirica fu anche in idioma maltese, recitata dal M. R. Don Luca Zammit D.D.
Divotissima fu la processione, il cui ingresso in chiesa, offrive un magnifico colpo d' occhio.
Si diè termine alla detta festività colla benedizione dell'Augustissimo Sacramento.
Degni d' ogni lode veramente sono il M. R. Parroco Dr. Don Giuseppe Ruggiero Trapani, il Rev. Procuratore Don Giuseppe Vassallo, e tutti coloro, che in ogni anno si disimpegnano, affinchè tale festività riesca sempre di gloria a Dio e dell' Apostolo Sant'Andrea.
C. Luca, 5 Dicembre, 1879.
V. B."

*Astratt mill-gazzetta Fede ed Azione (10-XII-1879)*

Fuq il-partitura oriġinali ta' din l-antifona hemm imniżżla d-data *Novembre 1879* filwaqt li t-titlu prinċipali jaqra *Antifona per S. Andrea – Dottor Paolo Nani – 1879.* Inkitbet għall-orkestra u 4 vuċijiet, b'introduzzjoni pjuttost qasira li twassal għat-tema prinċipali. Din l-antifona tinsab miżmuma ġewwa l-Mużew tal-Katidral tal-Imdina flimkien max-xogħlijiet l-oħra kollha tad-dinastija Nani.

Intant, f'ittra miktuba minn *V.B.* nhar il-5 ta' Diċembru 1879 nsibu illi l-festa ta' dik is-sena ġiet iċċelebrata nhar it-Tnejn 1 ta' Diċembru minħabba li l-jum għażiż tat-30 ta' Novembru ħabat nhar l-ewwel Ħadd tal-Avvent. *V.B.* jikteb illi l-festa saret b'pompa u reliġjożità kbira ad unur Sant'Andrija Appostlu, titular tal-parroċċa ta' Ħal Luqa. Lejlet il-festa filgħaxija, ir-raħal kien mixgħela sħiħa, b'logħob tan-nar maħdum minn xi dilettanti u d-daqq ta' marċi u programmi minn żewġ baned mużikali.

Il-funzjonijiet reliġjużi kienu akkumpanjati bid-daqq ta' mużika mill-aqwa, mmexxija minn Dottor Paolo Nani u ibnu, b'dan tal-ewwel ikkompona antifona ġdida li ġiet milqugħa tajjeb ferm minn persuni kompetenti fil-qasam tal-arti mużikali.

Nhar il-festa, waqt il-quddiesa l-kbira nstema' il-paniġierku bil-lingwa Maltija mill-Wisq Rev. Dun Luqa Zammit D.D. Il-purċissjoni bl-istatwa ta' Sant'Andrija kienet waħda devota mmens, waqt li d-dħul lura fil-knisja offra xena spettakolari għall-poplu kollu preżenti. Il-festa intemmet kif xieraq bil-benedizzjoni sagramentali.

*V.B.* itemm l-ittra tiegħu billi jifraħ pubblikament lill-Wisq Rev. Kappillan Dr. Dun Giuseppe Ruggiero Trapani, ir-Rev. Prokuratur Dun Giuseppe Vassallo u lil dawk kollha li flimkien iċċelebraw din il-festa hekk kbira għall-glorja t'Alla u tal-Appostlu Sant'Andrija.

## Għeluq

B'din il-ħarsa tagħna lejn x'seħħ 130 sena ilu, tassew għandna għalfejn inkunu kburin illi parti mill-patrimonju tal-*Cappella Nani* huwa marbut direttament mal-festa titulari ta' Sant'Andrija. Min jaf x'atmosfera sabiħa kien hemm fil-knisja parrokkjali hekk kif instemgħu l-ewwel battuti mużikali ta' din l-antifona l-ġdida. Tassew tkun xi ħaġa sabiħa u f'waqtha illi xi darba dan ix-xogħol mużikali jerġa' jieħu l-ħajja, bħal li kieku mexxejna l-arloġġ lura fiż-żmien sabiex nassistu għall-ewwel eseguzzjoni ta' din l-antifona ta' Mro. Dottor Paolo Nani, *che venne molto applaudita da persone competenti nell' arte musicale*.

*Referenzi*
*Arkivju Mużikali tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni*
*Alfred Camilleri, Dr. Mro. Paolo Nani (1814 – 1904), Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria, Żurrieq, 2005*
*Fede ed Azione, 10 Dicembre, 1879, p. 392*

*Ħajr ukoll lil Adrian Mizzi tal-għajnuna tiegħu*

CARMEL'S

*Fruit & Vegetable Seller*

**Mobile: 9946 2411**

Frott u ħaxix frisk bi prezzijiet moderati ħafna kuljum fil-pjazza ta' Ħal Luqa

Bejn l-4.30pm u s-7.30pm